

**Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Notifika ta' dokumenti**

Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti miibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-e-Ġustizzja, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2024.

**Notifika ta' dokumenti**

L-Ingilterra u Wales

**L-Artikolu 2(1) - Aġenziji Trażmettituri**

L-Aġenzija Emittenti hija l-Qorti Għolja - Sede tar-Reġhoma - Sezzjoni tal-Proċess Barrani (The High Court - Queens Bench - Foreign Proċess Section)

**L-Artikolu 2(2) - Aġenziji li jirċievu**

L-Aġenzija Riċeventi hija l-Qorti Għolja - Queens Bench - is-Sezzjoni tal-Proċess Barrani (The High Court - Queens Bench - Foreign Proċess Section)

**L-Artikolu 2(4)(c) - Mezzi biex jiġu rċevuti d-dokumenti**

Id-dokumenti jiġu trażmessi bil-faks u bil-posta.

**L-Artikolu 2(4)(d) - Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-formola standard fl-Anness I**

Il-formola standard tiġi aċċettata bl-Ingliż u bil-Franċiż.

**L-Artikolu 3 - Korp ċentrali**

The Senior Master

For the attention of the Foreign Process Section

Room E16

Royal Courts of Justice

Strand

London WC2A 2LL

United Kingdom

Telefon:

+44 20 7947 6691

+44 20 7947 7786

+44 20 7947 6488

+44 20 7947 6327

+44 20 7947 1741

Faks: +44 870 324 0025

Posta elettronika: [foreignprocess.rcj@hmcts.gsi.gov.uk](mailto:foreignprocess.rcj@hmcts.gsi.gov.uk)

Sit web: <https://www.gov.uk/guidance/service-of-documents-and-taking-of-evidence>

Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' ittra, faks, posta elettronika u bit-telefon u l-korp ċentrali jkun responsabbli biex jiċċekkja t-traduzzjonijiet.

**L-Artikolu 4 - Trasmissjoni tad-dokumenti**

Apparti bl-Ingliż, ir-Renju Unit jaċċetta formoli ta' talba standard li jimtlew bil-Franċiż.

**L-Artikolu 8(3) u 9(2) - Termini preskrittivi stabbiliti mil-liġi nazzjonali għan-notifika tad-dokumenti**

Ir-Renju Unit għandu l-intenzjoni li jdderoga minn dawn id-dispożizzjonijiet fuq il-bażi li l-kumplessitajiet tad-dritt tiegħu dwar it-termini u l-perjodi ta' preskrizzjoni jiġu aggravati biss b'dan l-Artikolu. Huwa importanti li d-data tan-notifika tkun tista' tiġi identifikata b'ċertezza peress li tiddetermina ż-żmien li fih parti tkun tista' titlob li tingħata sentenza fil-kontumacia. Ir-Renju Unit ma jqisx li t-tifsira preċiża ta' din id-dispożizzjoni, u t-tħaddim maħsub tagħha fil-prattika, huma ċari biżżejż; għalhekk din tista' żżid il-potenzjal għal konfużjoni. Għaldaqstant huwa jemma li din il-kwistjoni għandha tiġi għad-dritt nazzjonali, tal-inqas sakemm ikollu l-opportunità jevalwa kif taħdem fil-prattika fi Stati Membri oħrajn wara l-implimentazzjoni tar-Regolament.

**L-Artikolu 10 - Ċertifikat tas-servizz u kopja tad-dokument innotifikat**

Minbarra l-Ingliż, ir-Renju Unit jaċċetta ċertifikati mimlija bil-Franċiż.

**L-Artikolu 11 - Spejjeż tas-servizz**

Aħna mhux se nkunu qegħdin nitolbu ħlas għan-notifika.

**L-Artikolu 13 - Servizz minn aġenti diplomatiċi jew konsulari**

Ir-Renju Unit ma għandux l-intenzjoni li joġġezzjona għall-eżerċitar fit-territorju tiegħu tad-dritt mogħti mill-Artikolu 13(1).

**L-Artikolu 15 - Servizz dirett**

L-Ingilterra u Wales jopponu l-possibbiltà ta' notifika diretta prevista mill-Artikolu 15(1).

**L-Artikolu 19 - Meta l-konvenut ma jidherx għall-proċeduri**

Skont id-dispożizzjoni eżistenti tal-Konvenzjoni tal-Aja, il-qrati fir-Renju Unit, minkejja l-paragrafu 1, jistgħu jagħtu sentenza jekk il-kundizzjonijiet kollha tal-paragrafu 2 ikunu ġew sodisfatti.

Jista' jintlaqa' perjodu ta' żmien li jiġi wara l-għoti tas-sentenza u li fih jista' jiġi aċċettat rikors għal eżenzjoni previst fil-paragrafu 4.:

Meta tikkunsidra li tannulla sentenza fil-kontumacia, il-qorti trid tqis jekk il-persuna li titlob l-annullament tas-sentenza ressqitx rikors fil-pront biex isir dan.

L-aħħar aġġornament: 29/11/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.